A.L. 1 ta' l-1983

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Servizzi dwar Biċċerija u Servizzi Veterinarji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

A.L. 69 ta' l-1980

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Servizzi dwar Biċċerija u Servizzi Veterinarji) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1980 dwar id-Drittijiet (Servizzi dwar Biċċerija u Servizzi Veterinarji) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-lista ta' Drittijiet dwar Servizzi Veterinarji għandu jidħol dan li ġej:

"Drittijiet għal Faċilitajiet ta' Kwarantina

Għal faċilitajiet ta' kwarantina provduti mill-Gvern:

Kelb żgħir jew qattus	£1.00 kull jum
Kelb kbir	£1.50 kull jum
Klieb żgħar jew qtates f'pari	£1.50 kull jum
Klieb kbar f'pari	£2.50 kull jum".